



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 31.03.2006
KUMM(2006) 148 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jestendi d-dazji anti-dumping definittivi imposti mir-Regolament (KE) Nru 964/2003
dwar l-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, li
joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi
jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li
joriġinaw mill-Filippini kemm jekk le.**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/1996 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament Bażiku'), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005 fl-investigazzjoni kontra l-evażjoni li tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet tal-ħadid jew l-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u kkunsinnati mill-Filippini.

- **Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qed issir fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skond ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Wara reviżjoni ta' skadenza, mir-Regolament (KE) Nru 964/2003, il-Kunsill impona dazji *anti-dumping* definittivi ta' 58% fuq l-importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi jew pajpijiet (barra l-*fittings* fonduti, flanġijiet u *fittings* iwwajerjati), tal-ħadid jew ta' l-azzar (li ma jinkludux l-*in stainless steel*) li l-akbar dijametru estern ma jeċċedix is-609.6 mm, tat-tip użat għas-saldatura tarf ma' tarf jew skopijiet oħra u jestendi l-miżuri għall-importazzjonijiet ta' l-istess *fittings* ikkunsinnati minn Tajwan, bl-eċċezzjoni ta' daww fabbrikati minn tliet kumpaniji Tajwaniżi.

F'Diċembru 2004, bir-Regolamenti (KE) Nru 2052/2004 u (KE) Nru 2053/2004 l-Kunsill estenda d-dazji *anti-dumping* definittivi msemmija hawn fuq għall-importazzjonijiet ikkunsinnati mill-Indoneżja u Sri Lanka.

- **Konsistenza ma' politiki u obbjettivi oħra ta' l-Unjoni**

Mhux applikabbli.

2) KONSULTAZZJONI MA' PARTIJET INTERESSATI U EVALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Partijiet interessati kkonċernati bil-proċediment diġà kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

- **Ġbir u użu ta' kompetenza ta' esperti**

Ma kien hemm ebda ħtieġa ta' kompetenza ta' esperti esterni.

- **Evalutazzjoni ta' l-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.

Ir-Regolament bażiku ma jaħsibx għal evalwazzjoni ta' impatt ġenerali iżda għandu lista eżawrita ta' kondizzjonijiet li jridu jkunu evalwati.

3) ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Taqsis ta' l-azzjoni proposta**

Din l-investigazzjoni nbdiet f'Awissu 2005 wara rikjesta sottomessa mill-Kumitat tad-Difiża ta' l-Industrija ta' l-iSteel Butt-Welding Fittings ta' l-UE.

L-investigazzjoni wriet li kien hemm bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ li jinvolvi l-esportazzjonijiet tal-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Filippini lejn il-Komunità. L-investigazzjoni wriet ukoll li ma kienx hemm kawża adegwata suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika, għajr li jkunu evitati d-dazji *anti-dumping* dovuti fuq il-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għal din il-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet tal-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet mill-Filippini huma magħmulin bi prezzijiet iddampjati u miżjuda b'tant li jimminaw l-effetti tal-miżuri eżistenti.

Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, li hemm aktar dettalji dwarhom fl-abbozz meħmuż tar-Regolament tal-Kunsill, ġie propost li jkun estiż id-dazju *anti-dumping* ta' 58% impost fuq l-importazzjonijiet tal-*fittings* ta' tubi u pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi u pajpijiet ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li oriġinaw mill-Filippini kemm jekk le.

- **Bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/1996 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku') kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005.

- **Prinċipju ta' Sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Komunità. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Prinċipju ta' proporzjonalità**

Din il-proposta tħares il-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-forma ta' azzjoni hi deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma jibqa' ebda skop għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż amministrattiv u finanzjarju li jaqa' fuq il-Komunità, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-operaturi ekonomiċi u ċittadini hi mminimizzata u proporzjonata skond l-obbjettiv tal-proposta mhix

applikabbli.

- **Għażla ta' strumenti**

Strumenti proposti: regolament.

Mezzi oħra mhux se jkunu adegwati għax ir-Regolament bażiku ma jaħsibx għal għażliet alternattivi.

4) IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jestendi d-dazji *anti-dumping* definittivi imposti mir-Regolament (KE) Nru 964/2003 dwar l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, għall-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew l-azzar, ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Filippini kemm jekk le.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea¹ ('ir-Regolament bażiku'), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri eżistenti

- (1) Wara reviżjoni ta' skadenza, mir-Regolament (KE) Nru 964/2003² ('ir-Regolament oriġinali'), il-Kunsill impona dazji anti-dumping definittivi ta' 58.6% fuq l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet (barra l-*fittings* fonduti, flanġijiet u *fittings* iwwajerjati), tal-ħadid jew ta' l-azzar (li ma jinkludux l-istainless steel) li l-akbar dijametru estern ma jeċċedix is-609.6 mm, tat-tip użat għas-saldatura tarf ma' tarf jew skopijiet oħra ('*fittings* ta' tubi jew pajpijiet' jew 'il-prodott ikkonċernat), li oriġinaw, inter alia, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ('ir-RPĊ') u jestendi l-miżuri għal importazzjonijiet ta' l-istess *fittings* ikkunsinnati minn Tajwan, bl-eċċezzjoni ta' daww fabbrikati minn tliet kumpaniji Tajwaniżi.
- (2) F'Diċembru 2004, bir-Regolamenti (KE) Nru 2052/2004 u (KE) Nru 2053/2004 l-Kunsill estenda d-dazji anti-dumping definittivi msemija hawn fuq għall-

¹ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

² ĠU L 139, 6.6.2003, p. 1.

importazzjonijiet ta' l-istess fittings ta' tubi jew pajpijiet ikkunsinnati rispettivament mill-Indoneżja³ u s-Sri Lanka⁴.

2. Rikjesta

- (3) Fit-23 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni rċiviet rikjesta skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-allegat ħrib tal-miżuri *anti-dumping* imposti fuq l-importazzjonijiet tal-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet li joriġinaw fir-RPĊ permezz tat-trasbord u dikjarazzjoni ta' oriġini skorretta vija l-Filippini. Ir-rikjesta kienet sottomessa mill-Kumitat tad-Difiża ta' l-iSteel Butt-Welding Fittings ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-erba' produttori Komunitarji, li jirrappreżentaw proporzjon prinċipali mill-produzzjoni Komunitarja ta' ċerti *fittings* ta' tubi u pajpijiet.
- (4) Ir-rikjesta allegat u ssottomettiet evidenza *prima facie* suffiċjenti li kienet saret bidla fil-konfigurazzjoni ta' kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet li joriġinaw mir-RPĊ, kif muri minn żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mill-Filippini.
- (5) Din il-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ kienet allegata li nħolqot mit-trasbord ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet li oriġinaw fir-RPĊ vija l-Filippini. Kien ukoll allegat li ma kienx hemm kawża adegwata suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika għal dawn il-prattiki għajr l-eżistenza tad-dazji *anti-dumping* fuq *fittings* ta' tubi jew pajpijiet li joriġinaw mir-RPĊ.
- (6) Finalment, l-applikant allega u ssottometta evidenza *prima facie* li turi li l-effetti remedjali tad-dazji *anti-dumping* eżistenti fuq il-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet li joriġinaw fir-RPĊ kienu qed ikunu mminati kemm f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet u li d-dampjar kien qed iseħħ b'konnessjoni mal-valuri normali li kienu stabbiliti minn qabel għall-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet li joriġinaw fir-RPĊ.

3. Inizjazzjoni

- (7) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 1288/2005⁵ ('ir-Regolament inizjatur'), il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni fl-allegat ħrib mill-miżuri *anti-dumping* imposti fuq l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi u pajpijiet li joriġinaw mir-RPĊ mill-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li oriġinaw mill-Filippini kemm jekk le u, skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, iddirigiet lill-awtoritajiet doganali biex jirreġistraw importazzjoni fil-Komunità ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li oriġinaw fil-Filippini kemm jekk le, mis-6 ta' Awissu 2005.

4. Investigazzjoni

- (8) Il-Kummissjoni uffiċjalment avżat lill-awtoritajiet tar-RPĊ u l-Filippini, il-produtturi/esportaturi u l-importaturi fil-Komunità magħrufin li huma kkonċernati kif ukoll lill-Industrija Komunitarja dwar l-inizjazzjoni ta' l-investigazzjoni. Kwestjonarji kienu mibgħuta lill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ u l-Filippini kif ukoll lill-importaturi

³ ĠU L 355, 1.12.2004, p. 4.

⁴ ĠU L 355, 1.12.2004, p. 9.

⁵ ĠU L 204, 5.8.2005, p. 3.

fil-Komunità msemija fir-rikjesta jew magħrufa lill-Kummissjoni mill-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet li oriġinaw fir-RPĊ ('l-investigazzjoni oriġinali'). Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fiż-żmien stipulat fir-Regolament inizzjatur. Il-partijiet kollha kienu informati li nuqqas ta' kooperazzjoni seta' jwassal għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u għal sejbiet imwettqa a bażi tal-fatti disponibbli.

- (9) Ebda tweġiba tal-kwestjonarju ma ntbagħtet mill-esportaturi/produtturi fil-Filippini, minkejja li l-awtoritajiet tal-Filippini kienu kkuntattjaw diversi kumpaniji possibbilment involuti fil-produzzjoni ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet. Barra minn dan, ebda tweġiba tal-kwestjonarju ma ntbagħtet mill-esportaturi/produtturi fir-RPĊ.
- (10) Żewġ importaturi fil-Komunità kkooperaw u ssottomettew tweġibiet għall-kwestjonarju.
- (11) Saru żjarat ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Importaturi

- Valvorbica Industriale S.P.A., l-Italja,
- General Commercial & Industrial S.A., il-Greċja.

5. Perjodu ta' investigazzjoni

- (12) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopert mill-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005 ('il-PI'). Inġabret data mill-2001 sa l-aħħar tal-PI biex tkun investigata l-akkuża allegata fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ.

B. IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali/livell ta' kooperazzjoni

- (13) Kif imsemmi fil-premessa (9), ebda produttur/esportatur fir-RPĊ jew il-Filippini ma kkoopera fl-investigazzjoni. Tliet kumpaniji Filippini ppreżentaw lilhom infushom u ddikjaraw li huma la pproduċew u lanqas esportaw *fittings* ta' tubi jew pajpijiet kif definit fir-Regolament oriġinali, iżda biss *fittings* ta' l-istainless steel, prodott li mhux kopert bl-investigazzjoni kurrenti. Għalhekk, is-sejbiet fir-rigward tal-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet ikkunsinnati mill-Filippini lill-Komunità kellhom parzjalment ikunu bbażati fuq fatti disponibbli b'konformità ma' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

2. Prodott ikkonċernat u prodott simili

- (14) Il-prodott ikkonċernat mill-ħrib allegat huwa, kif definit fl-investigazzjoni oriġinali, *fittings* ta' tubi jew pajpijiet (barra l-*fittings* fonduti, flanġijiet u *fittings* iwwajerjati), tal-ħadid jew ta' l-azzar (li ma jinkludux l-istainless steel), li l-akbar dijametru estern ma jeċċedix is-609.6 mm, tat-tip użat għas-saldatura tarf ma' tarf jew skopijiet oħra, attwalment ikklassifikati taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7307 93 11 (il-kodiċi tat-TARIC 7307 93 11*95), ex 7307 93 19 (il-kodiċi tat-TARIC 7307 93 19*95), ex 7307 99 30

(il-kodiċi tat-TARIC 7307 99 30*95) u ex 7307 99 90 (il-kodiċi tat-TARIC 7307 99 90*95), li joriġinaw mir-RPĊ.

- (15) A bażi ta' l-informazzjoni disponibbli u tad-data pprovduta mill-awtoritajiet Filippini u wara li kienet ikkunsidrata l-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ kif deskritta fit-taqsimha li jmiss, għandu jkun inferut, fl-assenza ta' evidenza li turi l-kuntrarju, li l-fittings ta' tubi jew pajpijiet esportati lejn il-Komunità mir-RPĊ u daww ikkunsinnati mill-Filippini lill-Komunità għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u għandhom l-istess użu. Għalhekk għandhom jitqiesu bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. Bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ

- (16) Minħabba li ma kien hemm ebda kooperazzjoni minn kwalunkwe kumpanija Filippina, il-volum u l-valur ta' l-esportazzjonijiet tal-prodott simili mill-Filippini lejn il-Komunità kellu jkun stabbilit a bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Id-data tal-Eurostat kienet l-unika informazzjoni disponibbli l-aktar adatta u kienet għalhekk użata biex ikunu stabbiliti l-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni u l-prezzijiet mill-Filippini lill-Komunità.

Importazzjonijiet fi ħdan il-Komunità

F'TUNNELLATI	2001	2002	2003	2004	PI
Il-Filippini	0	3	700	2 445	2 941
Ir-RPĊ	1 324	772	677	1 153	1 411
L-Indoneżja	0	983	1 294	0	0
Sri Lanka	0	332	302	39	0
Total ta' l-importazzjonijiet ta' l-UE	17 422	15 111	16 085	16 050	18 900

Sors: L-Eurostat

- (17) Bħalma turi din it-tabella, l-importazzjonijiet tal-fittings ta' tubi u pajpijiet mill-Filippini lejn il-Komunità żdiedu minn 0 tunnellati fl-2001 għal kważi 3 000 tunnellata matul il-PI. L-importazzjonijiet mill-Filippini bdew f'2002, fiż-żmien meta l-investigazzjoni oriġinali kienet għaddejja. Għaldaqstant, fl-2003 l-importazzjonijiet mill-Filippini żdiedu b'mod sinifikattiv għal 700 tunnellata. Fl-2004, l-importazzjonijiet mill-Filippini lejn il-Komunità aktar milli ttripplaw u laħqu 2 445 tunnellata. Għandu jkun innotat li wara l-estensjoni tal-miżuri anti-dumping oriġinali għall-importazzjonijiet tal-prodott simili kkunsinnat mill-Indoneżja u Sri Lanka f'Diċembru 2004, l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi twaqqfu kompletament. Din il-waġfa b'mod komplet ta' l-importazzjonijiet mill-Indoneżja u Sri Lanka lejn il-Komunità fl-2004 kkoincidiet ma' l-aktar żieda sostanzjali ta' importazzjonijiet mill-Filippini.

- (18) Fl-istess ħin, l-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Filippini baqgħu f'livell baxx iżda stabbli.

L-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Filippini

F'TUNNELLATI	2001	2002	2003	2004	PI
Il-Filippini	466	604	402	643	694

Sors: Statistiki ta' l-esportazzjoni Ċiniża

- (19) Jeħtieġ li jkun innotat, madankollu, li d-data użata biex tkun stabbilita l-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, b'mod speċjali għal dik relatata ma' l-esportazzjonijiet mir-RPĊ lill-Filippini, għandha tkun meqjusa fid-dawl tal-possibbiltà ta' dikjarazzjonijiet ta' oriġini foloz (ara l-premessa (22) hawn taħt) u għalhekk tista' ma tagħtix l-istampa sħiħa tas-sitwazzjoni.
- (20) Miċ-ċifri murija hawn fuq, hu konkluż li kien hemm bidla ċara fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ li bdiet wara l-konklużjoni ta' l-investigazzjoni oriġinali u saret apparenti wara l-estesjoni tal-miżuri ta' l-importazzjonijiet tal-prodott simili mill-Indoneżja u Sri Lanka. Il-konfigurazzjoni kkonsistiet f'żieda qawwija ta' importazzjonijiet ta' fittings ta' tubi u pajpijiet mill-Filippini fil-Komunità, b'mod speċjali fl-2004 u l-PI, li kkoincidiet ma' waqfa ta' importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi li għalihom il-miżuri oriġinali kienu estiżi.
- (21) Joħroġ b'mod ċar minn dak li ntqal hawn fuq li minħabba l-koinċidenza fiż-żmien l-esportazzjonijiet Ċiniżi trasbordati vija l-Indoneżja u Sri Lanka ntbagħtu minn rotta ġdida ta' l-inqas parzjalment vija l-Filippini meta l-miżuri anti-dumping oriġinali kienu estiżi għall-importazzjonijiet mill-Indoneżja u Sri Lanka. Dan kien il-każ b'mod partikulari matul is-sena 2004 u matul il-PI.

4. Kawża adegwata insuffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika

- (22) Kif diġà ssemma' fil-premessa (9) hawn fuq, l-ebda produttur/esportatur Filippin ma kkoopera fl-investigazzjoni. Fil-fatt, ma nstabt ebda evidenza matul l-investigazzjoni li produtturi ta' din ix-xorta setgħu jeżistu attwalment. Barra minn hekk, l-evidenza miġbura matul l-investigazzjoni turi li l-fittings ta' tubi u pajpijiet kienu f'ċerti każijiet iddikjarati ffabbrikati mill-kumpaniji Filippini li ssottomettew li qatt ma kienu involuti fil-fabbrikazzjoni tal-prodott simili. Dan hu kkorroborat bl-informazzjoni kontenuta fir-rikjesta għall-inizjazzjoni ta' l-investigazzjoni dwar il-ħrib mill-miżuri, e.g. offerti lill-importaturi potenzjali li jikkontjenu proposta ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti ta' oriġini.
- (23) Mill-informazzjoni li għaliha hemm referenza fil-premessi (17) u (20) hawn fuq, jista' jkun konkluż li l-esportazzjonijiet ta' fittings ta' tubi u pajpijiet fabbrikati fir-RPĊ u mwassla lill-Komunità mill-Indoneżja u Sri Lanka matul is-snin 2002 sa l-2004 kienu mogħtija rotta mill-ġdid b'mod estensiv ħafna vija l-Filippini, dan beda mis-sena 2003 u kompla sa l-aħħar tal-PI.
- (24) Barra minn hekk, għalkemm il-volum ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-RPĊ lill-Filippini ma laħaqx bil-bosta ż-żieda ta' l-importazzjonijiet ikkonsinnati

mill-Filippini lill-Komunità (ara l-premessa 18 hawn fuq), iż-żieda qawwija ta' esportazzjonijiet mill-Filippini lill-Komunità għandha wkoll tkun ikkunsidrata fid-dawl ta' l-evidenza misjuba li tikkonċerna dikjarazzjonijiet foloz jew falsifikazzjoni ta' ċertifikati ta' oriġini (ara l-premessa (22) hawn fuq), in-nuqqas ta' produtturi ġenwini Filippini ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet u t-tnaqqis ta' esportazzjonijiet minn Sri Lanka u l-Indoneżja lill-Komunità. Hi t-totalità ta' dawn l-elementi li tispjega l-assenza ta' ġustifikazzjoni ekonomika għall-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ osservat.

- (25) Fl-assenza ta' kooperazzjoni minn kull produttur esportatur fil-Filippini u r-RPĊ u ta' kull evidenza li turi l-kuntrarju, hu għalhekk konkluż li, minħabba l-koinċidenza fi żmien ma' l-investigazzjonijiet li wasslu għall-estensjoni tal-miżuri oriġinali għall-importazzjonijiet mill-Indoneżja u Sri Lanka, il-bidla fil-konfigurazzjonijiet tal-kummerċ toriġina mill-eżistenza tad-dazju *anti-dumping* aktar milli minn kawża adegwata suffiċjenti oħra jew ġustifikazzjoni ekonomika fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 13(1), it-tielet sentenza tar-Regolament bażiku.

5. Imminar ta' l-effetti rimdjali tad-dazju f'termini ta' prezzijiet u/jew il-kwalitajiet tal-prodott simili

- (26) Skond l-analiżi ta' l-andament kummerċjali magħmula fil-premessa (17) hawn fuq, seħħet bidla ċara kwantitattiva fil-konfigurazzjoni ta' l-importazzjonijiet Komunitarji tal-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet. L-importazzjonijiet iddikjarati li oriġinaw mill-Filippini kienu negliġibbli fuq is-suq tal-Komunità sa Ġunju 2003. Wara l-imsemmija data l-importazzjonijiet iddikjarati li oriġinaw mill-Filippini tfaċċaw f'daqqa waħda u żdiedu b'mod rapidu għal 2 941 tunnellata matul il-PI. Dan il-volum jirrappreżenta 3% tal-konsum Komunitarju kkalkulat fuq iċ-ċifri ta' produzzjoni sottomessi mill-applikanti u l-importazzjonijiet ibbażati fuq id-data tal-Eurostat. Hu għalhekk ċar li l-bidla notevoli fl-andamenti kummerċjali mminat l-effetti rimedjali tal-miżuri *anti-dumping* f'termini ta' kwantitajiet importati fi ħdan is-suq Komunitarju.
- (27) Fir-rigward ta' prezzijiet ta' prodotti kkunsinnati mill-Filippini u fl-assenza ta' kooperazzjoni u ta' kull evidenza li turi l-kuntrarju, id-data tal-Eurostat turi li l-prezzijiet medji ta' l-esportazzjoni ta' l-importazzjonijiet mill-Filippini matul il-PI kienu anqas mill-prezzijiet medji ta' l-esportazzjoni stabbiliti għar-RPĊ fl-investigazzjoni oriġinali. Kien stabbilit li l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Filippini huma madwar terz anqas minn dawk ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fir-RPĊ kemm matul l-2004 kif ukoll matul il-PI. Barra minn hekk, kien misjub li l-prezzijiet medji ta' l-esportazzjoni ta' l-esportazzjonijiet Filippini lill-Komunità kienu taħt il-livell ta' l-eliminazzjoni tal-ħsara tal-prezzijiet Komunitarji kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Għalhekk, l-effetti rimedjali tad-dazju *anti-dumping* impost huma mminati f'termini ta' prezzijiet. Informazzjoni ddettaljata tista' tkun misjuba fit-tabella hawn taħt:

EUR/kg	2004	PI
Il-Filippini	0,97	1,07
Ir-RPĊ	1,57	1,50
Differenza	- 38%	- 29%

- (28) A bażi ta' dak li ssemma' hawn fuq, kien konkluż li l-bidla fl-andamenti tal-kummerċ, flimkien maż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet magħmulin bi prezzijiet irħas ħafna mill-Filippini minnaw l-effetti rimedjali tal-miżuri *anti-dumping* kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll fil-prezzijiet tal-prodott simili.

6. Evidenza ta' ddampjar b'konnessjoni mal-valuri normali li kienu stabbiliti minn qabel għall-prodott simili

- (29) Biex ikun iddeterminat jekk setgħetx tinsab evidenza ta' ddampjar b'konnessjoni mal-prodott ikkonċernat esportat lill-Komunità mill-Filippini matul il-PI, il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet stabbiliti a bażi tad-*data* tal-Eurostat kienu użati skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (30) Skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, dawn il-prezzijiet ta' esportazzjoni kienu mqabbla mal-valur normali stabbilit minn qabel għall-prodott simili. Fl-investigazzjoni oriġinali, it-Tajlandja nstabt li kienet pajjiż analogu b'suq ekonomiku adatt għar-RPĊ għall-iskop li jkun stabbilit il-valur normali.
- (31) Għall-iskopijiet ta' paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, kienu kkunsidrati b'mod xieraq, taħt forma ta' aġġustamenti, id-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet. Dawn l-aġġustamenti saru skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku fir-rigward ta' l-ispejjeż tat-trasport, a bażi ta' l-informazzjoni kontenuta fir-rikjesta.
- (32) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-paragun ta' valur normali mwieżen kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali u l-prezzijiet medji mwieżna ta' l-esportazzjoni matul l-investigazzjoni ta' l-PI, espress bħala persentaġġ tal-prezz tas-CIF fil-fruntiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, wera li kien hemm iddampjar fl-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi u pajpijiet ikkunsinnati mill-Filippini. Il-marġini ta' ddampjar misjuba, espressa bħala perċentwali tal-prezz tas-CIF fil-frutiera tal-Komunità, dazju mhux imħallas, kienet aktar minn 60%.

C. MIŻURI

- (33) Fid-dawl tas-sejbiet ta' ħrib imsemmija hawn fuq skond l-Artikolu 13(1), it-tielet sentenza tar-Regolament bażiku u b'konformità ma' l-Artikolu 13(1), l-ewwel sentenza tar-Regolament bażiku, il-miżuri eżistenti ta' *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ għandhom ikunu estiżi fuq importazzjonijiet ta' l-istess prodott ikkunsinnat mill-Filippini, kemm jekk iddikjarat li oriġina mill-Filippini kemm jekk le.
- (34) Id-dazju estiż għandu jkun dak stabbilit fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament oriġinali.
- (35) Skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jipprovdi li l-miżuri estiżi kollha għandhom ikunu applikati fuq importazzjonijiet reġistrati mid-*data* ta' reġistrazzjoni, id-dazju *anti-dumping* għandu jkun miġbur fuq l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi u pajpijiet ikkunsinnati mill-Filippini li daħlu fil-Komunità taħt reġistrazzjoni imposta mir-Regolament inizzjatur.
- (36) Għalkemm matul din l-investigazzjoni ebda produttur esportatur ġenwin ma nstab li jeżisti fil-Filippini jew għarraf lilu nnifsu lill-Kummissjoni, produtturi esportaturi

ġodda li jistgħu jikkunsidraw li jressqu rikjesta għal eżenzjoni mid-dazju estiż ta' *anti-dumping* skond l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku se jkunu meħtieġa li jimlew kwestjonarju sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tiddetermina jekk eżenzjoni tistax tkun mandata. Eżenzjoni ta' din ix-xorta tista' tkun iggarantita wara l-assessjar ta', pereżempju, is-sitwazzjoni tas-suq tal-prodott ikkonċernat, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' użu, l-akkwist u l-bejgħ, il-probabbiltà tat-tkomplija ta' prattiki li għalihom mhemmx kawża adegwata suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika u l-evidenza ta' ddampjar. Il-Kummissjoni għandha normalment twettaq żjarat ta' verifika fuq il-post. Ir-rikjesta trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni minnufih, flimkien ma' l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikulari kull modifikazzjoni fl-attivitàjiet tal-kumpanija konnessa mal-produzzjoni u l-bejgħ.

- (37) L-importaturi xorta għad jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni tar-reġistrazzjoni jew mill-miżuri sakemm l-importazzjonijiet huma minn produttori esportaturi, li huma mogħtija eżenzjoni ta' din ix-xorta, u b'konformità ma' l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.
- (38) Fejn eżenzjoni hi mandata, il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, konsegwentement tipproponi l-emenda ta' dan ir-Regolament. Sussegwentement, kull eżenzjoni mogħtija tkun immonitorjata biex tkun assigurata l-osservanza tal-kondizzjonijiet stabbiliti fiha.

D. PROĊEDURA

- (39) Il-partijiet interessati kienu informati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li a bażi tagħhom il-Kunsill kellu l-intenzjoni li jestendi d-dazju *anti-dumping* definittiv fis-seħħ u ngħataw l-oportunità li jikkummentaw. Ma twasslu ebda kummenti li kienu ta' natura li jibdlu l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Id-dazju *anti-dumping* definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 dwar l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi u pajpijiet (għajr il-*fittings* fonduti, flanġijiet u *fittings* iwwajerjati), tal-ħadid jew ta' l-azzar (li ma jinkludux l-*in-stainless steel*), li l-akbar dijametru estern ma jeċċedix is-609.6 mm, tat-tip użat għas-saldatura tarf ma' tarf jew skopijiet oħra li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7307 93 11 (kodiċi tat-TARIC 7307 93 11 99), ex 7307 93 19 (kodiċi tat-TARIC 7307 93 19 99), ex 7307 99 30 (kodiċi tat-TARIC 7307 99 30 98) and ex 7307 99 90 (kodiċi tat-TARIC 7307 99 90 98) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu ta' Ċina huma hawnhekk estiżi fuq l-importazzjonijiet ta' *fittings* ta' tubi jew pajpijiet (għajr il-*fittings* fonduti, flanġijiet u *fittings* iwwajerjati), tal-ħadid jew ta' l-azzar (li ma jinkludux l-*in-stainless steel*), li l-akbar dijametru estern ma jeċċedix is-609.6 mm, tat-tip użat għas-saldatura tarf ma' tarf jew skopijiet oħra li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7307 93 11 (kodiċi tat-TARIC 7307 93 11 95), ex 7307 93 19 (kodiċi tat-TARIC 7307 93 19 95), ex 7307 99 30 (kodiċi tat-TARIC 7307 99 30 95) u ex 7307 99 90 (kodiċi tat-TARIC 7307 99 90 95) ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li oriġinaw mill-Filippini kemm jekk le.

2. Id-dazju estiż b'paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet irreġistrati b'konformità ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1288/2005 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96.
3. Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali għandhom japplikaw.

Artikolu 2

1. Rikjesti għal eżenzjoni mid-dazju estiż bl-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub b'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għandhom ikunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-applikant. Ir-rikjesta għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade Directorate B
J-79 5/16
B-1049 Brussels
Faks (32 2) 295 65 05.

2. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv, tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jaħarbux mill-miżuri *anti-dumping* imposti bir-Regolament (KE) Nru 964/2003 mid-dazju estiż bl-Artikolu 1, u konsegwentement tipproponi l-emenda għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba biex iwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet stabbiliti b'konformità ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1288/2005.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President